**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 9 ta' Novembru 2023**

**<u>Rikors nru; 79/2023 AGV</u>**

**SS**

**VS**

**NS**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **SS** datat 3 ta' April 2023 li ppremettiet is-segwenti:-

1. Illi hija zzewwget lill-intimat fit-8 ta' Ottubru 1988, skond ic-certifikat anness u mmarkat bhala Dokument A.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett ulied N, S u B ahwa S illum ilkoll maggorenni.

3. Illi l-intimat abbanduna d-dar matrimonjali oltre sentejn ilu u qatt ma rritorna lura, filwaqt li dahal f'relazzjoni adultera ma' mara liema relazzjoni ghadu attwalment fiha b'dan li huwa ilu jikkoabita mas-siehba tieghu ghal diversi snin.

4. Illi l-intimat unilateralment dahal f'diversi pizijiet ta' dejn li bihom ghabba l-komunjoni ta l-akkwisti vigenti bejn il-partijiet u holoq problemi finanzjarji kbar.

5. Illi bl-imgieba tieghu l-intimat irrenda ruhu hati versu l-attrici ta' abbandun, adulterju, sevizzi, eccessi u ingurji gravi.

6. Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irremedjabilment tort unikament ta l-intimat.

7. Illi minkejja li saru diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju anke tramite l-procedura ta' medjazzjoni, il-partijiet ma waslu ghal ebda ftehim stante li l-intimat lanqas qatt ma attenda il-medjazzjoni u l-esponenti inghata l-awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi b'din l-istanza skond l-anness digriet immarkat bhala Dokument B.

8. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti hawn esposti.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet gravi fosthom imputabbli esklussivament lill-intimat fosthom eccessi, ingurji, sevizzi, adulterju kommess mill-intimat konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irremedjabillment.

2. Takkorda l-fakulta' lill-esponenti sabiex tibqa' tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-intimat.

3. Tillikwida u tiffissa manteniment ghal attrici pagabbli mill-intimat b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja.

4. Tordna illi dan il-manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat mill-impjieg jew ix-xoghol jew kwalunkwe beneficcju li qed jipprecepixxi u jigu ddepozitati f'kont indikat mill-attrici.

5. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti wkoll porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u billi wkoll tigi stabbilita data minn meta l-intimat jitqies li ddekadat minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-attrici u dan kollu okkorendo bl-operat ta' periti nominandi ta' Nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tapplika kontra l-intimat l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48, 51, 53 u 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta in toto jew in parte.

7. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

8. Tillikwida l-assi parafernali u dawk dotali tal-attrici u tassenjahom lill-istess attrici.

9. Tordna lill-intimat sabiex ihallas u jikkonsenja lill-attrici skond il-kaz l-krediti u l-propjeta parafernali taghha.

10. Tawtorizza lill-attrici sabiex jirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat li l-konvenut huwa kontumaci.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

**FATTI**

L-attrici tghid li hi u l-konvenut kienu zzewgu fit-8 ta' Ottubru, 1988 wara erba' snin gharajjes. Minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, illum maggorenni.

Tul l-gherusija, minkejja li r-relazzjoni taghhom kienet tmur tajjeb, il-konvenut kien wara biss xahar u nofs uriha *terraced house* li kien xtara meta kien gharus ma' haddiehor. Il-post kien ghadu gebel u saqaf. Peress li hass li kien ghogobha kien qalilha sabiex tibda thallas il-loan mal-Lohombus Bank dak iz-zmien is-somma ta' €13.50 fix-xahar u ghalkemm hasset li l-konvenut kien qed ighaggel peress li kienu ghadhom fil-bidu tar-relazzjoni taghhom ugwalment baqghet thallas dan is-self.

Tul l-gherusija kien anke komplew id-dar billi saqfuha, u bnew il-washroom u x-xogholijiet li kien ghad jonqos u kienet baqghet tohrog il-flus ghal dawn ix-xogholijiet.

It-tibdil fil-karattru tal-konvenut sehh wara z-zwieg, meta beda imur idoqq mal-banda li kien semmielha waqt l-gherusija, izda fejn qatt ma kien imur. Kien idum barra filghaxijiet u naqra xurban. Kienet tissapportjah peress li kienet taf li kien delizzju tieghu u meta kienet tidher dizappuntata kien ighidilha li kienet taf ghaliex diehla.

Tul iz-zwieg tghid li l-konvenut kien jivvinta l-argumenti fuq affarijiet frivoli u mbaghad kien anke jgholli lehnu sabiex jisimghuh in-nies. Kien anke mar ighid lil ommha li l-attrici kienet tghir ghalih. Kien anke ibati minn *road rage*.

L-attrici tishaq li waqqfet tahdem minn meta kienet harget tqila bl-ewwel wild, izda dejjem rat kien ghamlet biex tghin il-familja u kienet anke ggib l-istudenti barranin id-dar.

L-attrici ttenni ukoll li ghalkemm hi kienet tipprova tghin lill-familja, minflok il-konvenut kien jaghmel id-dejn. Kienet tghaddilu l-flus li kienet tircievi mill-akkomodazzjoni tal-istudenti u ma kienet zzomm xejn minnhom. Kien qalilha li kellu d-dejn ma' certu D  minn San Pawl li kellha hanut ta' DVDs , izda ma kinitx taf min hi.

Il-konvenut ma kienx jikkomunika maghha dwar il-finanzi u beda jinsisti maghha li ghandhom ibieghu d-dar matrimonjali n-Naxxar sabiex jixtru post izghar u b'hekk ihallsu l-*home loan*. Kellha ccedi u bieghu l-istess post u xtraw appartament il-Qawra, hdejn il-familja tal-konvenut.

Biex xtraw l-appartament u armawh kienu ssellfu €50,000 mill-HSBC Bank Malta plc. Tghid li l-ghamara kollha kienet giet tiswa €25,000, apparti l-**airconditioners**, purtieri u *blinds.*

L-attrici tispjega li minhabba l-attitudni tal-konvenut u r-relazzjoni tossika li kienu qed ighixu, kienet waqqet f'depressjoni u kienet tiehu l-kura. Kienet tqatta' hafna hin rieqda u fid-dlam u minhabba dan l-istat taghha,  il-konvenut kien ha vantagg u kien  mar irranga mal-bank, fejn donnu kellu kunfidenzi ma' wahda mill-impjegati u hadha biex tiffirma xi karti meta kienet ghadha mheddha. Qalilha li kien rega' ha self ta' €25,000 peress li ma kienx issellfu bizzejjed sabiex ikomplu jarmaw l-appartament.

Kienet tafdah, izda tghid li qatt ma rat dawn il-€25,000 u sadanittant kienet baqghet thallas il-loan li issa kien ammonta ghal €75,000. Dawn il-flejjes kien ghamilhom billi ffroda l-firma taghha.

Saret taf b'dawn il-€25,000 meta ddecidiet li tibda bil-proceduri ta' separazzjoni. Kien ipprova igieghlha thallas il-loan tal-Bank of Valletta, li diga' kienet thallas,

kif ukoll il-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Kien anke riedha li jaghmlu loan wiehed mal-Banif Bank, ghax altrimenti beda jheddidha li kien ser ikollhom ibieghu l-appartament.

Ticcara ukoll li meta marru joqoghdu l-Qawra kienet bdiet tahdem *full-time.*

L-attrici tishaq li kienet iddecidiet li tissepara peress li l-konvenut ma kienux juri rispett u kien izommhom imcahhdin minn certi affarijiet u fl-istess hin kien jaghmel id-dejn. Kienet saret taf li kien qed jaghmel xi negozju ma' certu EB u bejgh ta' xorb u spicca li kellu d-dejn maghha fl-ammont ta' €46, 000. Spiccat li din B fethet proceduri kontrihom u spiccat li poggiet l-appartament taghhom f'subbasta.

Minhabba dawn il-problemi, it-tifel taghhom Brandon spicca li jrid jara psikjatra minhabba l-ansjeta' li ser jibqghu minghajr saqaf fuq rashom. Ighid li hi thallaslu l-ispejjez medici u kien anke ttenta jaghmel suwicidju biex spicca rikoverat Mount Carmel. Saret taf ukoll li l-istess konvenut kien issellef €3,500 minghand B u dawn kienu flus li dan tal-ahhar kien faddal sabiex jixtri karozza.

L-attrici tishaq ukoll li l-konvenut kien anke ammetta maghha li kien ilu f'relazzjoni ma' certu CP u kien ilu maghha ghal xi sentejn. Tghid li damu flimkien u li recentement keccietu 'l barra. Kienet anke rat diversi messaggi li kienu jaqsmu bejniethom fuq Facebook. Darba ohra kienet sabet xi messagg iehor ma' mara ohra u minhabba l-glieda kwazi korriet it-tarbija peress li dak iz-zmien kienet tqila.

Tghid li meta l-konvenut telaq mid-dar kien halla kont tad-dawl u ilma f'ammont ta' €4,000, kont tal-ispejjez tal-komun li kien jammontaw ghal €1,200 li qiedgha thallas wahedha, inkluz ukoll l-ispejjes tac-cens li jirrizulta li l-konvenut qatt ma hallas.

Bhala dejn kellu problemi mal-Exotique fejn kien ghamel zmien jahdem u fejn is-sid GB kienet marret tghajjat wara l-bieb ta' darhom. Kien fethalu kawza ukoll is-sid ta' Da Fix minn San Gwann fejn kien jahdem bhala *salesman.*

L-attrici tghid li minkejja li hi dejjem ippruvat izomm il-familja maghquda u tahdem ghaliha, il-konvenut kien jigi jaqa' u jqum u ghamel hafna dejn a pregudizzju tal-familja, bir-riskju li ha jispiccaw bla dar.

**Karen Falzon** fil-kapacita' taghha ta' Assistant Registrar Qrati Civili u Tribunali kkonfermat li fuq isem il-konvenut irrizultalha medjazzjoni, kifi ukoll is-separazzjoni. Kien hemm zewg kawzi decizi 27/5/2021 fl-ismijiet **Edwina Bonello vs Norman Spiter**i, ohra deciza fil-5 ta' Lulju**, ITS Good Limited vs Norman Spiteri**, kif ukoll **HSBC Malta vs Norman Spiteri** li kellha tigi deciza fit-13 ta' Lulju, 2023.[1]

Irrizultalha ukoll zewg mandati ta' sekwestri, it-tnejn konguntivament kontra l-partijiet bin-numri rispettivi 280/2021u 133/2022. Kien hemm ukoll tlett mandati ohra kontra l-konvenut, tnejn minnhom mandati ta' sekwestru u iehor mandat ta' qbid.

Dwar subbasti tikkonferma li kien hemm wahda relatata mal-mandat ta' sekwestru 232/2021 fl-ismijiet **Edwina Bonello vs Norman Spiteri**.[2]

**Joanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. Tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet irrizultawlha s-segwenti kontijiet:-

---

[1] Dok. KF 1 u KF 2
[2] Doks. KF 3 u KF4

a) F'isem l-attrici rrizultaw zewg kontijiet bankarji
    - Current account 40011904472 illum maghluq.[3]
    - Savings account 40017440435 illum maghluq.[4]

b) F'isem il-konvenut irrizultaw zewg kontijiet bankarji:-
- Savings account 1631358047 li ghadu miftuh;[5]
- Current budget account 16301358050 illum maghluq.[6]

c) Kontijiet kongunti
- Loan account li huwa maghluq;[7]
- Listed account legal fees li huwa maghluq.[8]

Ikkonfermat ukoll li s-savings account li hemm f'isem il-konvenut ghandu bilanc ta' zero, kif ukoll il-loan accounts inqatghu kollha f'Awissu 2022 u f'Settembru, inghalqu l-legal fees u l-joint loan accounts.

**Lorraine Attard**, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. Ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet irrizultawlha s-segwenti kontijiet bankarji:-

a) f'isem l-attrici
- Savings account 061343430050[9]

[3] Dok. JB 1
[4] Dok. JB 2
[5] Dok. JB 3
[6] Dok. JB 4
[7] Dok. JB 5
[8] Dok. JB 6
[9] Dok. LA 1

- Savings account 07305447051 li llum ghadu miftuh;[10]
- Savings account 064084882050 li llum huwa maghluq.[11]

Bhala kontijiet kongunti rrizultaw

i) Loan account ma' Mortgages Department bin-numru 18057552.[12]
ii) Loan account ma' Mortgages Department bin-numru 18068836 li ghadu miftuh;[13]
iii) Loan account ma' Mortgages Department bin-numru 18042234 li llum huwa maghluq.[14]

**Bernard Zarb** in rapprezentanza ta' JobsPlus ipprezenta l-employment record tal-partijiet.[15]

**Mario Micallef** in rapprezentanza ta' Condominium ta' Blokk C, Bella Vista, jikkonferma li l-ahhar komunikazzjoni li kellu mal-konvenut kien meta ghaddielu erba' cekkijiet fl-ammont ta' €128 il-wiehed u peress li l-konvenut kien talbu sabiex ma jsarafx l-ahhar cekk li tah, hekk kien ghamel.Dan kien ghall-perjodu bejn April, 2019 sa 31 ta' Marzu, 2020, fejn il-*condominium fee* kien jammonta ghal €510 per annum.

Jikkonferma li kien hemm bilanc fuq il-*fees* li kellhom ihallsu l-partijiet u sal-ahhar contribution li tibda mis-sena finanzjarja 1 ta' April, 2023 sal-31 ta' Marzu, 2024 kien hemm bilanc ta' €763.

[10] Dok. LA 2
[11] Dok. LA 3
[12] Dok. LA 4
[13] Dok. LA 5
[14] Dok. LA 6
[15] Dok. BZ 1 u BZ 2

Kien ikkomunika mal-attrici ghall-hlas u kienet ftehmet mieghu li thallas €50 fix-xahar u jikkonferma li kienet thallas regolarment. Kienet hallset sallum €850. Il-bilanc li hemm sas-sena finanzjarja li tghalaq fil-31 ta' Marzu, 2024 jammonta ghal €913.

**Doreen Cunningham** ghan-nom ta' HSBC Bank Malta plc. Tikkonferma li hemm zewg flexi credits. Ma setghetx tikkonferma min kien qed jaghmel il-pagamenti, pero' tghid li hemm sentenza tal-Qorti u ha jibdew il-proceduri tas-subbasta.[16]

**Matthew Vassallo**, in rapprezentanza ta' ARMS Limited ipprezenta rendikont ta' kontijiet tal-fond 5, Bella Vista, Blokk C, Triq il-Bahhara, Qawra.[17] Esebixxa ukoll il-payment list[18], readings tal-ilma[19], readings tad-dawl[20]. Ipprezenta ukoll il-history tal-persuni li kienu jabitaw fil-post.[21]

## KONSIDERAZZJONIJIET

## RESPONSABBILITA'

[16] Dok. DC 1 – DC 3
[17] Dok. MV 1
[18] Dok. MV 2
[19] Dok. MV 3
[20] Dok. MV 4
[21] Dok. MV 5

L-attrici qed tattribwixxi l-htija tas-separazzjoni lill-konvenut minhabba abbandun, adulterju, sevizzi, eccessi u ngurji gravi, Il-konvenut huwa kontumaci pero' pprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi:

> ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di***

***vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

> ***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***
>
> ***Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholoqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017:

> ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***
>
> ***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu***

*jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.*

*"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas that l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."*

Gie enunciat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu***

***jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

L-attrici tallega li l-konvenut kien ikun aggressiv maghha u kien anke jheddidha. Tattribwixxi t-tibdil fil-karattru tieghu ghal wara z-zwieg, meta l-konvenut kien johrog sabiex idoqq fil-band tieghu. Kien jixrob u jidhol tard u peress li kien id-delizzju tieghu, l-attrici donnha rrassenjat ruhha ghal dan.

Ripetutament, l-attrici ssemmi li kien hemm problemi finanzjarji, fejn il-konvenut kien jaghmel id-dejn minn wara daharha, imbaghad kien jippretendi li ghandha thallas il-loan tad-dar sabiex ilahhaq mad-dejn. Sa certu punt, l-attrici mhix konvincenti dejjem meta tinsisti li ma kinitx a konoxxenza tad-dejn li kien jaghmel u dan peress li kemm il-darba nsistiet li kienet tafda lill-konvenut.

Mill-assjem tal-provi, indubbjament kienet taf li kien f'negozju ma' Edwina Bonello u li kien hemm problemi mal-Exotique fejn kien jahdem, pero' ma ressqitx l-istess GB bhala l-imghallma tieghu sabiex tixhed fuq dan.

Il-konvenut jirribatti l-verzjoni attrici u jinsisti li kien ittenta jidhol f'dan in-negozju ma' B, peress li dak iz-zmien l-attrici kienet waqqfet milli ggib l-istudenti u kienet bdiet tilmenta li xtaqet izjed introjtu. Kien ipprova dan in-negozju, izda sfortunament kienet faqqghet il-virus tal-Covid u n-negozju mar hazin peress lil min kien qed ibiegh ix-xorb ma kienx qed ihallsu.

Ciononostante, il-verzjoni attrici hija msahha izjed meta l-verzjonijiet taghha li l-konvenut naqas li jhallas il-loan fuq id-dar matrimonjali, naqas li jhallas il-kontijiet tad-dawl u ilma u anke l-ispejjes tal-condominium jikkonvincu lil dina l-Qorti li l-konvenut kien irresponsabbli u ma tantx kien ipoggi l-interessi tal-familja l-ewwel, tant li presentement l-istess familja hija mheddha b'subbasta fuq l-istess dar matrimonjali.Dan hu kkorroborat mid-diversi xhieda li pproduciet l-attrici.

Il-konvenut anke wasal fl-estrem fejn saqsa lit-tifel B sabiex isellfu flus li kien qed iwarrab sabiex jixtri karozza, tant li l-biza tas-subbasta wassal sabiex holqitlu ansjeta' kbira u kellu jibda jiehu terapija ghand psikjatra.

Dan l-atteggjament ikkaratterizza l-hajja matrimonjali tal-partijiet u wassal sabiex igieghel lill-attrici terga' tiffirma lill-konvenut sabiex jissellfu izjed flus mill-Bank. L-attrici mhix konsistenti hawnhekk u dan gie sottolineat mill-konvenut peress li tghid li ffalsifika l-firma taghha ghas-self tal-€25,000, izda fl-istess nifs tghid li marret il-bank biex tiffirma s-self, flimkien mal-konvenut peress li kien stqarr maghha li kellhom bzonn izjed flus sabiex ikomplu jarmaw id-dar. Tghid li meta ffirmat kienet tbati minn depressjoni qawwija u kienet tghaddi hafna mill-hin taghha fis-sodda u addirittura kienet imheddla meta ffirmat ghax kien ghadu kemm qajjimha.

Oltre l-€50, 000 jirrizulta li kien hemm self iehor mizjud u cioe' dak ta' €25,000 u ghalhekk ma treggix it-tezi tal-attrici li kien hemm self iehor minn wara daharha. Dina l-verzjoni hija kkorroborrata mir-rapprezentanti tal-bank HSBC Bank Malta plc.

L-attrici hadet id-decizjoni li titlaq lill-konvenut peress li l-konvenut ma kienx wera rispett lejha u t-tfal u kienet emozzjonalment imkissra, tant li kienet waqqghet f'depressjoni kbira minhabba l-ansjeta' li kien ikollha.

Ghal darb'ohra, l-attrici issemmi li kien hemm hafna theddid da parti tal-konvenut li kien anke jheddidha li kien ser ikollhom ibiddlu l-appartament jekk ma kinitx tiffirma l-karti tal-bank li riedha tiffirma. Ipprezentat diversi rapporti li ghamlet lill-pulizija u dawn jirrizultaw li saru ferm wara li l-partijiet kienu *de facto* sseparati. L-attrici tammetti li kienet biddlet is-serratura u dan minhabba li l-konvenut kien ilu li telaq id-dar '1 fuq minn tlett snin.

Minn dawn ir-rapporti jirrizulta li kien hemm diversi inkonsistenzi tal-attrici fejn semmiet theddid li kien sehh tlett snin qabel u meta mwissija mill-pulizija li dawn l-akkuzi kienu preskritti, semmiet li kienu sehhew gingha qabel u regghet giet imwissija li setghet kienet qed taghmel rapporti foloz.

Il-Qorti tirrileva li dawn ir-rapporti saru wara li kienu bdew il-proceduri ta' separazzjoni u wara li l-attrici kienet bidlet is-serratura tad-dar u ghaldaqstant mhuwiex dawn il-fatti li wasslu ghas-separazzjoni.

Dwar l-**adulterju**, ghalkemm l-attrici ssemmi mara CP u li kienet rat diversi posts fuq Facebook, ma gewx ipprezentati ebda provi f'dan is-sens. Sabiex jigi ppruvat l-adulterju jehtieg li jkun hemm indizji gravi u prezunzjonijiet cari li certament ma jirrizultawx f'dina l-kawza.

Ghalhekk, tenut kont ta' dan kollu, jirrizulta li hemm certi inkonsistenzi fix-xhieda tal-attrici, anke jekk ma gewx irribattuti mill-konvenut peress li huwa

kontumaci, izda madanakollu jirrizulta li in sintesi l-konvenut jahti fil-maggorparti ghall-problemi fiz-zwieg minhabba sevizzi u eccessi li waslu lill-attrici titlob is-separazzjoni.

**<u>MANTENIMENT</u>**

Fit-talbiet taghha, l-attrici qed titlob li l-konvenut jikkontribwixxi ghall-manteniment taghha, pero' mill-provi prodotti, Bernard Zarb in rapprezentanza ta' Jobsplus ipprezenta l-employment history tal-attrici, minn fejn jirrizulta li presentement, l-attrici tahdem fuq bazi part-time ma' Davids Bakery Ltd bhala *salesperson.*

L-istess employment history jindika li l-attrici ghandha kapacita' lavorattiva u kien hemm zmien ukoll fejn kienet tahdem *full time*.

Illum it-tfal taghha huma lkoll maggorenni u ghalhekk m'hemmx il-htiega li l-attrici toqghod id-dar sabiex tiehu hsieb il-familja. Anzi kien jirnexxielha tlahhaq mal-familja u tahdem meta kienu izghar. Jibqa' l-fatt, pero', kif tghid l-istess attrici, li hi ghamlet madwar tnax-il sena ma tahdimx biex tiehu hsieb tat-tfal. Ta' dan ghandha tigi kkumpensata billi tigi assenjata d-dar matrimonjali, kif ser jigi pprovdut aktar 'il quddiem.

Jirrizulta ukoll li l-konvenut l-ahhar li kien impjegat kien fis-sena 2020 fuq bazi *full-time* bhala *sales executive* ma' It's Good Ltd. Wara dan il-perjodu ma hemmx provi sabiex dina l-Qorti taccerta ruhha li l-konvenut jahdem, izda oltre minn hekk l-istess konvenut huwa kontumaci u ghaldaqstant m'hemmx lok ghall-provi ulterjuri. Ciononostante, mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-konvenut dejjem hadem u ghaldaqstant qed jigi prezunt li xi tip ta' introjtu hemm.

Ghaldaqstant, in vizta ta' dawn ic-cirkostanzi u l-mezzi tal-partijiet, dina l-Qorti thoss li ghandu jkun hemm manteniment ghall-attrici fis-somma ta' €200 fix-xahar.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

L-uniku ass ta' valur huwa d-dar matrimonjali ta' 83, Vela Vista Court, Blk C, Flat 5, Triq il-Bahhara, San Pawl il-Bahar.

Dan l-appartament inxtara wara li l-partijiet kienu bieghu l-fond li kellu l-konvenut in-Naxxar. Sabiex xtraw dan l-appartament kienu hadu loan ta' €50,000, parti minnu kien sabiex jarmaw l-appartament.

L-attrici tinsisti li f'xi zmien iehor, il-konvenut kien gieghlha tiffirma sabiex jiehdu loan iehor fl-ammont ta' €25,000 ghax insista maghha li s-self li kienu hadu originarjament ma kienx bizzejjed.

Sadanittant kienet hi li kienet kompliet thallas il-loan ghaliex dak iz-zmien kienet tahdem *full time* u l-konvenut kien jilmenta li kellu xi dejn,

Peress li l-konvenut huwa kontumaci ma hemmx provi kontradditorji ghal dak sottomess mill-attrici.

Inoltre, Doreen Cunningham in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. Ikkonfermat li kien hemm diversi pagamenti fuq is-self li nghata lill-partijiet li ma baqghux jigu onerati u ghalhekk kellha tinfetah kawza kontra l-partijiet. Jirrizulta ukoll li kien hemm diversi pagamenti li saru, imbaghad waqqfu, pero' ma setghetx tikkonferma min kien qed jaghmel il-pagamenti,

Jirrizulta li l-attrici dejjem uriet certu responsabbilita' finanzjarja ghall-kuntrarju tal-konvenut li hlief iddejjen m'ghamilx, kif ser jigi spjegat iktar '1 isfel, tant li hemm proceduri pendenti sabiex id-dar titpogga ghas-subbasta u dan in segwitu ghas-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs Norman Spiteri et. (deciza fit-13 ta' Lulju, 2023).**[22]

Tenut kont tad-diversi djun li ghamel il-konvenut a skapitu tal-familja, id-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata lill-attrici, u dana sabiex tissalvagwardja l-ghixjien tal-familja taghha. In caso li titmexxa s-subbasta, l-attrici ghandha tinghata l-bilanc li jifdal mir-rikavat, wara li d-dejn mal-Bank u ma kwalsiasi kreditur iehor jigi saldat.

Ghalhekk, il-konvenut ghandu jghaddi sehemhu tal-istess fond lill-attrici.

**<u>Kontijiet tad-dawl u ilma</u>**

L-attrici ssostni li wara li l-konvenut telaq mid-dar spicca li ma hallasx diversi kontijiet tad-dawl u ilma u spiccat li qed thallas l-arretrati mal-Arms hi stess. In vista tal-kontumacja tal-konvenut l-allegazzjoni tal-attrici mhix kontradetta.

Anzi in sostenn ta' dan xehed Matthew Vassallo, in rapprezentanza tal-ARMS li kkonferma li bhala arretrati l-kontijiet tad-dawl u ilma kienu jammontaw ghall-€6,414.80.[23]

Il-konvenut ghandu jirrifondi lill-attrici l-ispejjes tal-arretrati li jmorru lura sa Settembru 2020, u cioe' meta telaq mid-dar matrimonjali.

[22] Dok. DC 3 a fol. 330 tal-process.
[23] Dok. MV 1 a fol. 301 tal-process.

**Djun**

L-attrici xehdet u semmiet diversi djun li ghamel il-konvenut pero' ma kinitx f'posizzjoni li tiddentifika precisament f'xiex kien jikkonsisti dan id-dejn u ma' min kien ghamlu.

L-attrici ssemmi li kienet konsapevoli li l-konvenut kien dahal f'xi negozju tax-xorb ma' certu Edwina Bonello u kien spicca bid-dejn maghha.

Kienet saret taf li kien qed jaghmel xi negozju ma' certu EB u bejgh ta' xorb u spicca li kellu d-dejn maghha fl-ammont ta' €46, 000. Spiccat li din B fethet proceduri kontrihom u spiccat li poggiet l-appartament taghhom f'subbasta.

Fix-xhieda taghha l-attrici semmiet ukoll li l-konvenut kellu dejn mal-Exotique u anke mas-sid ta' Da Fix minn San Gwann fejn kien jahdem bhala salesman.

Il-verzjoni tal-attrici hija kkorroborata minn Karen Falzon li xehdet fil-kapacita' taghha ta' Assistant Registrar Qrati Civili u Tribunali, fejn ikkonfermat li f'isem il-konvenut kien hemm zewg kawzi decizi fis-27 ta' Mejju, 2021 fl-ismijiet **Edwina Bonello vs Norman Spiteri** fejn id-dejn dovut kien jammonta ghal €46,578.49[24], ohra deciza fil-5 ta' Lulju**, ITS Good Limited vs Norman Spiteri**, kif ukoll **HSBC Malta vs Norman Spiteri** li kellha tigi deciza fit-13 ta' Lulju, 2023.[25]

Irrizultalha ukoll zewg mandati ta' sekwestri, it-tnejn konguntivament kontra l-partijiet bin-numri rispettivi 280/2021 fl-ismijiet **Edwina Bonello vs Norman Spiteri et.**, u 133/2022 fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs Norman Spiteri et.** Kien hemm ukoll tlett mandati ohra kontra l-konvenut, tnejn minnhom mandati ta' sekwestru u cioe' Automated Revenue Management Services Limited vs

[24] Dok. KF 3
[25] Dok. KF 1 u KF 2

Norman Spiteri u It'S Good Limited vs Norman Spiteri u iehor mandat ta' qbid fl-istess ismijiet.[26]

Dwar subbasti tikkonferma li kien hemm wahda relatata mal-mandat ta' sekwestru 232/2021 fl-ismijiet Edwina Bonello vs Norman Spiteri.[27] Dawn il-proceduri kienu nfethu filt-28 ta' Frar, 2023.[28]

Fis-sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut jirreferi biss ghad-dejn li ghandu ma' EB u jipprova jiggustifikah, izda lanqas biss isemmi l-ohrajn indikati hawn fuq. Il-verzjoni attrici hija kkorroborata mill-provi prodotti minn Karen Falzon.

Peress li dan huwa dejn li sar minn wara d-dahar l-attrici, ghandu jibqa' responsabbli ghalih hu stess, partikolarment meta l-iktar dejn sehh waqt l-impjieg tieghu.

Il-konvenut ghandu jibqa' responsabbli ukoll ghal kwalsiasi dejn iehor li ghandu, anke mal-Banek Lokali.

**KONTIJIET TAL-KONDOMINIUM/CENS**

L-attrici ssemmi ukoll li kien hemm diversi spejjez tal-kondominium li l-konvenut regolarment naqas li jhallas, tant hu hekk li Mark Micallef, rapprezentant tal-kondominium jikkonferma li kien hemm bilanc fuq il-fees li kellhom ihallsu l-partijiet u sal-ahhar contribution li tibda mis-sena finanzjarja 1 ta' April, 2023 sal-31 ta' Marzu, 2024 jammonta ghal **€913.**

[26] Dok. KF 4 a fol/ 37 tal-process
[27] Doks. KF 3 u KF4
[28] Dok.KF 3

Kien ikkomunika mal-attrici ghall-hlas u kienet ftehmet mieghu li thallas €50 fix-xahar u jikkonferma li kienet thallas regolarment. Kienet hallset sallum **€850.**

Kwalsiasi spejjes li jmorru lura sa Settembru, 2020 ghandhom jithallsu mill-konvenut lill-attrici.

**Cens**

L-attrici ssemmiet li l-konvenut kien qatt ma hallas cens li kien dovut fuq l-appartament, izda qatt ma resqet provi f'dan is-sens u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu in konsiderazzjoni tali pretensjoni.

**KONTIJIET BANKARJI**

Gew prodotti diversi kontijiet bankarji, uhud li nghalqu u uhud ohrajn li ghadhom miftuhin.

Kull parti ghandha zzomm il-kont bankarju taghha.

Dwar kontijiet kongunti dawn ghandhom jinghalqu u jinqasmu bejn il-partijiet.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1.Tilqa' l-ewwel talba attrici u zzomm il-konvenut responsabbli ghas-separazzjoni.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici.

3. Tilqa' t-tielet u r-raba' talba attrici, u ghalhekk tillikwida manteniment ghaliha fis-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar, li ghandu jizdied skond l-gholi tal-hajja.

4. Tilqa' l-hames talba attrici u xxolji, tittermina u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq imfisser.

5. Tichad is-sitt talba attrici.

6. Tichad is-seba', tmien u disa' talba attrici.

7. Tilqa' l-ghaxar talba attrici.

Tinnomina lin-Nutar Elena Farrugia sabiex tippubblika l-eventwali kuntratt fejn qed tigi assenjata d-dar matrimonjali lill-attrici, prevja l-proceduri ta' subbasta fuq l-istess proprjeta', u tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru fuq l-istess att fil-kaz li l-konvenut jibqa' kontumaci.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registrar**